# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025**

**Numru: 3**

**Rikors Numru: 458/2021/1 AD**

**Aeronautica Malta Limited (C38103) u**

**l-Avukat Dr Marco A. Ciliberti**

**v.**

**AirCM Global Limited (C70071) u b'digriet tat-22 ta' Diċembru 2022, l-isem tas-soċjetà konvenuta nbidel għal Universal Air Charter and Management Ltd.**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili maqtugħa fit-13 ta' Ottubru, 2023. Permezz tal-kawża, l-atturi fittxew lill-kumpanija konvenuta għall-ħlas ta' somma flus li l-atturi qegħdin jippretendu li għandhom jieħdu bħala *referral fees*,

wara ftehim li jingħad li ntlaħaq mal-kumpanija konvenuta, hekk kif permezz ta' laqgħat ta' introduzzjoni u bl-intermedjazzjoni tal-atturi, il-kumpanija konvenuta rreġistrat f'isimha, l-inġenju tal-ajru tal-għamla King Air 200 GT.

**Daħla**

2. L-atturi ressqu r-rikors maħluf fl-10 ta' Mejju, 2021, fejn fissru kif il-kumpanija attriċi Aeronautica Malta Limited, li tagħha l-attur l-ieħor l-Avukat Dr Marco A. Ciliberti huwa direttur, toffri servizzi ta' konsulenza u taħriġ fis-settur tal-avjazzjoni, filwaqt illi l-kumpanija konvenuta AirCM Global Limited hija operatur ta' inġenji tal-ajru.

3. L-atturi jgħidu li bl-intermedjazzjoni tagħhom, il-kumpanija konvenuta rreġistrat f'isimha sabiex jiġi operat minnha l-inġenju tal-ajru tal-għamla King Air 200 GT. Dan ġie reġistrat fir-reġistru tal-inġenji tal-ajru ta' Malta bħala 9H-RWM nhar id-29 ta' Settembru, 2017 u għadu hekk reġistrat f'isem AirCM Global Limited bħala operatur.

4. L-atturi jkomplu jfissru li peress illi l-imsemmi inġenju tal-ajru kien ġie reġistrat f'isem il-kumpanija konvenuta sabiex jiġi operat minnha għas-sidien bl-intermedjazzjoni tal-atturi, il-kumpanija konvenuta kienet offriet li tħallas *referral fee* u għalhekk qablet u aċċettat illi tħallas lill-atturi

s-somma ta' ħames mitt ewro fix-xahar (€500), għal kull xahar li l-istess inġenju tal-ajru jibqa' reġistrat f'isem il-kumpanija konvenuta AirCM Global Limited.

5. Jissoktaw jgħidu li minkejja diversi sejħiet sabiex il-kumpanija konvenuta tħallas dak minnha dovut hija naqset milli tagħmel dan, u dan minkejja l-konferma verbali u bil-miktub tal-istess kumpanija. Fost dawn insibu l-konferma permezz ta' *email* tas-6 ta' Novembru, 2017.

6. Għalhekk l-atturi jtennu li peress illi l-kumpanija konvenuta baqgħet inadempjenti, huma ressqu kontra l-kumpanija konvenuta ittra uffiċjali skont l-**Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għal liema ittra uffiċjali l-kumpanija konvenuta ressqet risposta.

7. L-atturi sostnew li sal-ġurnata li fih tressaq ir-rikors maħluf, il-kumpanija konvenuta AirCM Global Limited kienet debitriċi tagħhom fis-somma ta' €22,000, rappreżentanti l-imsemmija *referral fees*, skont il-prospett imħejji minnha u esibit fl-atti tal-kawża. Għalhekk huma talbu lill-Qorti sabiex, bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża b'riħet **l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**:

> «*i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpanija konvenuta AirCM Global Limited hija debitriċi tal-atturi jew min minnhom fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) rappreżentanti referral fees jew dik is-somma verjuri li tirriżulta dovuta mill-kumpanija konvenuta lill-atturi;*

*ii. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta AirCM Global Limited tħallas lill-atturi jew min minnhom is-somma ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) jew dik is-somma verjuri li tirriżulta dovuta mill-kumpanija konvenuta lill-atturi jew min minnhom;*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1138/18, u bl-imgħaxijiet legali kalkolati minn kull skadenza bl-ogħla rata li tippermetti l-liġi sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta.»*

8. Wara li ġiet awtorizzata mill-Ewwel Qorti, il-kumpanija AirCM Global Limited ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha fil-5 ta' Lulju, 2021, u eċċepiet:

*«i. Illi fl-ewwel lok il-pretensjonijiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti;*

*ii. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-atturi jeħtieġ illi jġibu prova tal-ftehim mas-soċjetà eċċipjenti AirCM Global Limited dwar 'l hekk imsejħa 'referral fee';*

*iii. Illi mingħajr preġudizzju għas-suċċepit, il-ħlas tar-'referral fee' kien soġġett għall-kundizzjoni sospensiva illi s-soċjetà eċċipjenti titħallas mingħandi s-soċjetà estera United Jet Services dak dovut lilha taħt l-Aircraft Operating Agreement datat 12 ta' Far 2017, kif ser jiġi spjegat aħjar hawn taħt;*

*iv. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, kwalunkwe ftehim li seta' kien hemm dwar 'referral fee' kien fuq bażi ta' one-time payment u mhux ħlas fix-xahar ad inifinitum;*

*v. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi skont il-liġi;*

*Bl-ispejjeż.*»

9. Permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ottubru, kumpanija konvenuta sa fejn mhux kompatibbli mal-istess sentenza, laqgħet it-talbiet tal-atturi billi ddikjarat li l-kumpanija konvenuta hija debitriċi tal-atturi fis-somma ta' €500, dovuti bħala *referral fee* u kkundannat lill-kumpanija konvenuta tħallas lill-atturi l-imsemmija somma

ta' €500, bl-imgħax legali fuq l-istess somma dovuta mill-14 ta' Ġunju, 2018, sad-data tal-ħlas effettiv. B'dan illi l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta mal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

> *«34. Fl-ewwel lok, għall-fini ta' kjarezza, din il-Qorti sejra telenka l-fatti illi jidher illi mhux qed jiġu kontestati fil-każ odjern:*
>
> *(a) Is-soċjetà attriċi, illi tagħha l-Avukat Dr Marco Ciliberti huwa Direttur, ġiet avviċinata minn ċertu Andrew Lee, illi flimkien mal-kumpanija Portugiża HeliPortugal, xtaq illi jirreġistra kumpanija bl-isem Rescue Wings Malta sabiex tiġi operata air ambulance;*
>
> *(b) HeliPortugal hija kumpanija sussidjarja tas-soċjetà estera United Jet Services, u l-inġenju tal-ajru illi kienet qed tikkunsidra illi jiġi reġistrat bħala air ambulance kien l-ajruplan Beechraft King Air B200 GT, fornit minn HeliPortugal;*
>
> *(c) Ciliberti, fil-kwalità tiegħu ta' Direttur tas-soċjetà rikorrenti, laqqa' lil Lee ma' Robert Foster u Teresa Haigh, Diretturi tas-soċjetà konvenuta, fil-bidu tas-sena 2017. Is-soċjetà konvenuta hija management company, u ċjoè kumpanija illi topera l-ajruplani, b'dana illi, inter alia, tirreġistra l-ajruplan fuq l-AOC (Air Operators Certificate) tagħha, u żżomm l-ajruplan air-worthy sakemm idum hekk reġistrat;*
>
> *(d) Eventwalment, f'Awwissu 2017, sakemm kien għadu għaddej il-proċess sabiex jiġi reġistrat l-ajruplan fuq l-AOC tas-soċjetà konvenuta, Andrew Lee ddeċieda li jirtira mill-business venture illi kellu ma' HeliPortugal, u Rescue Wings Malta baqgħet qatt ma mmaterjalizzat;*
>
> *(e) Sadattant, iżda, sa minn Marzu 2017, is-soċjetà konvenuta kienet qed toħroġ fatturi lil United Jet Services[1], il-parent company ta' HeliPortugal, għal servizzi reżi minnha fir-rigward tal-ajruplan mertu tal-kawża;*
>
> *(f) L-inġenju tal-ajru in kwistjoni ġie reġistrat f'Malta fuq is-soċjetà konvenuta bħala 9H-RWM fid-29 ta' Awwissu 2017[2];*

---

[1] *Vide* Dok DF7 *a fol* 136 tal-proċess
[2] *Vide* Dok LB1 *a fol* 91 tal-proċess

*(g) Is-soċjetà konvenuta, illi kellha reġistrat fuq l-AOC tagħha ajruplan illi ma kienx sejjer jintuża għall-iskop illi għalih kien ġie inizjalment reġistrat, daħlet f'Aircraft Operating Agreement ma' United Jet Services nhar l-1 ta' Novembru 2017*[3]*. Skont dan il-ftehim ġie deċiż illi, "Air CM Global will operate the Owner's aircraft described below (the "**Aircraft**") in accordance with the Terms and Conditions that constitute this Aircraft Operating Agreement (the "**Agreement**").";*

*(h) Dan il-ftehim ġie terminat f'Novembru 2018. Sa dakinhar, is-soċjetà konvenuta tallega illi d-dejn ta' United Jet Services kien tela' għal madwar tlett mija u ħdax-il elf ewro (€311,000), iżda s-soċjetà konvenuta baqgħet tinkorri spejjeż sabiex iżżomm l-ajruplan air-worthy;*

*(i) F'Mejju 2019, is-soċjetà konvenuta daħlet f'lease agreement ma' United Jet Services*[4]*, u f'services agreement ma' kumpanija terza oħra, Fly Guyane*[5]*. Dan bl-intiż illi jiġu irkuprati ftit mill-ispejjeż illi kienet qed tinkorri s-soċjetà konvenuta;*

*(j) Fly Guyane bdiet ukoll tonqos mill-obbligi finanzjarji tagħha taħt is-services agreement, u falliet per kawża ta' diffikoltajiet finanzjarji per konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19;*

*(k) L-ajruplan reġistrat bin-numru 9H-RWM għadu preżentement reġisistrat fuq l-AOC tas-soċjetà konvenuta. Dan minkejja illi s-soċjetà konvenuta ssostni illi mhux talli m'għamlitx profitt kemm ilu li ġie reġistrat dan l-ajruplan fuq l-AOC tagħha, iżda talli għamlet dejn ta' aktar minn seba' mitt elf ewro (€700,000);*

*35. Mill-banda l-oħra, dak illi qiegħed jiġi kontestat huwa preċiżament dak illi qiegħed jiġi pretiż mir-rikorrenti, u ċjoè jekk hijiex dovuta referral fee lir-rikorrenti għall-fatt illi kien tramite r-rikorrenti illi s-soċjetà konvenuta ltaqgħet ma' Andrew Lee u HeliPortugal, u, konsegwentement, is-soċjetà United Jet Services;*

*36. Ir-rikorrenti jsostnu illi fil-laqgħa illi saret fil-bidu tas-sena 2017 bejn Andrew Lee, ir-rikorrenti u s-soċjetà konvenuta (kif rappreżentata minn Robert Foster u Teresa Haigh), huma kienu talbu referral fee ta' ħames mitt ewro (€500) għal kull xahar illi l-ajruplan idum reġistrat Malta f'isem is-soċjetà konvenuta. Isostnu illi din ir-referral fee ma kienet soġġetta għall-ebda kondizzjoni, u li, peress illi l-ajruplan għadu, sal-lum il-ġurnata, reġistrat Malta f'isem is-soċjetà konvenuta, l-ammont globali dovut lilhom mis-soċjetà konvenuta huwa għalhekk dak ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000);*

*37. Min-naħa l-oħra, is-soċjetà konvenuta qed issostni illi m'hija dovuta lir-rikorrenti l-ebda referral fee, u dan għas-segwenti raġunijiet: (a) m'hemm l-ebda kuntratt bil-miktub dwar referral fee, iżda din kienet biss*

[3] *Vide* Dok DF1 *a fol* 105 *et seq* tal-proċess
[4] *Vide* Dok DF4 *a fol* 116 *et seq* tal-proċess
[5] *Vide* Dok CM2 *a fol* 678 *et seq* tal-proċess

*ħaġa illi ssemmiet imma ma sar l-ebda ftehim fuqha; (b) anke jekk dato ma non concesso kellu jiġi aċċettat illi kien hemm ftehim dwar referral fee, il-ħlas ta' referral fee kien soġġett għal żewġ kondizzjonijiet, u ċjoè: (i) li jiġi ffirmat kuntratt bejn is-soċjetà konvenuta u Rescue Wings Malta, u (ii) li l-kuntratt ikun profitabbli għas-soċjetà konvenuta, liema żewġ kundizzjonijiet ma mmaterjalizzawx; (c) il-fatt waħdu illi ajruplan jitpoġġa fuq l-AOC ta' kumpanija ma jrendix profitt, u għalhekk fuq dan il-punt biss m'għandhiex tkun dovuta referral fee; u (d) ir-referral fee illi s-soċjetà konvenuta kienet disposta li tħallas kienet ta' darba biss, u mhux ta' kull xahar;*

*38. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tinnota illi* ***mhux qed jiġi kontestat mir-rikorrenti illi dwar ir-referral fee ma ġie redatt l-ebda ftehim bil-miktub****, iżda kien hemm biss ftehim verbali, milħuq fil-laqgħat illi saru fil-bidu tas-sena 2017, meta Andrew Lee u HeliPortugal kien għad għandhom l-intenzjoni illi joperaw is-servizz ta' air ambulance taħt Rescue Wings Malta;*

*......*

*41. Ir-rikorrenti jesebixxu mal-affidavit ta'* ***Dr Marco Ciliberti*** *sensiela ta' e-mails skambjati ma' Robert Foster, Direttur tas-soċjetà konvenuta. F'Dok* ***MC1***[6]*, permezz ta' e-mail datata sitta (6) ta' Novembru 2017, Ciliberti jgħid lil Foster, "A kind reminder regarding the referral fee for 9H-RWM", filwaqt illi Foster jirrispondi, "They [ċjoè United Jet Services] owe us over 90k right now, as soon as they pay (which they keep promising to do) I will pay the referral fee without delay." F'****Dok MC2***[7]*, permezz ta' email datata sitta (6) ta' Frar 2018, Ciliberti jgħid illi, "There is obviously other (sic!) matter pending, that is the agreed fee for RWM." B'referenza għall-fatt illi HeliPortugal kienu għamlu pagament lis-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' ħamsin fil-mija (50%)*[8]*, Ciliberti jsostni illi hija dovuta wkoll lis-soċjetà rikorrenti ħamsin fil-mija (50%) tar-referral fee illi huwa jikkontendi illi kellha titħallas mis-soċjetà konvenuta lir-rikorrenti. Madanakollu, Foster inter alia jirrispondi kif isegwi:*

> *As we explained before, we were happy to enter into some sort of introductory agreement based on profitability. As you may know, the deal that was discussed at the time did not come to fruition, instead Air CM Global ended up putting the aircraft right at great expense both fiscally and temporally for which [we] have not been paid. We do not do any business with Rescue Wings Malta, which as far as I am aware was never even incorporated. Andrew Lee and HeliPortugal disagreed and did not form any sort of partnership and have left Air CM Global in the middle holding the baby so to speak.*

*Finalment,* ***Dok MC3*** *jinkludi e-mail datata sebgħa (7) ta' Novembru 2017 illi fiha Ciliberti jfakkar lil Foster dwar pagament dovut lilu għal servizzi reżi minnu fir-rigward tal-proġett, għal liema e-mail Foster*

---

[6] *A fol* 154 tal-proċess
[7] *A fol* 155 *et seq* tal-proċess
[8] Pagamenti illi saru minn United Jet Services lis-soċjetà konvenuta f'dak illi jirrigwarda HeliPortugal jirriżulta mit-tieni u t-tielet paġna tal-i*statements* kollettivament immarkati Dok DF7, fil-*box file a fol* 136 tal-proċess

*irrisponda fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2017 billi talbu kopja tal-fattura relattiva sabiex jeffettwa l-ħlas. Jidher illi dan il-pagament ġie effettwat, stante illi f'***Dok MC2***, Ciliberti lil Foster jgħidlu, "On another note thank you for the payment for the invoice relating to the services rendered in connection with the hangar project.";*

*42. Rinfaċċjata b'dan l-iskambju t'emails, din il-Qorti hija disposta illi temmen illi kien hemm xi forma ta' ftehim verbali dwar referral fee dovuta lir-rikorrenti mis-soċjetà konvenuta fiż-żmien meta kien għadu qed jiġi diskuss il-business venture ta' Andrew Lee u HeliPortugal. Wara kollox, jirriżulta mhux kontestat illi kienu r-rikorrenti illi laqqgħu lil Lee u lil Foster flimkien;*

*43. Madanakollu, din il-Qorti ma tqisx illi ġie pruvat illi l-ftehim kien fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) għal kull xahar illi l-ajruplan ikun reġistrat fl-AOC tas-soċjetà konvenuta. Dan għas-segwenti raġunijiet:*

*(a) Filwaqt illi huwa minnu illi kienu r-rikorrenti li laqqgħu lil Foster ma' Lee u HeliPortugal, effettivament kwalsiasi negozjar illi kien għaddej bejn Lee / HeliPortugal, ir-rikorrenti u s-soċjetà konvenuta sfaxxa fix-xejn f'Awwissu 2017, ċjoè ħames (5) xhur biss wara li bdew, meta Lee u HeliPortugal iddeċidew illi ma ridux jipproċedu bil-business venture waqt li kienet għadha għaddejja l-proċedura ta' reġistrazzjoni tal-ajruplan. Filwaqt illi huwa minnu illi eventwalment is-soċjetà konvenuta daħlet fin-negozju ma' United Jet Services, il-parent company ta' HeliPortugal, il-kundizzjonijiet tal-ftehim bejn is-soċjetà konvenuta u United Jet Services kienu diversi minn dak illi kien qiegħed jiġi diskuss preċedentement, b'dana illi din il-Qorti ma tarax għalfejn ir-rikorrenti kellhom jippretendu ħlas ta' referral fee għaż-żmien illi fih is-soċjetà konvenuta kienet qed tikkuntratta ma' soċjetà illi kienet estranea għan-negozjati dwar is-servizz ta' air ambulance;*

*(b) Din il-Qorti ma hix konvinta illi s-soċjetà konvenuta kienet disposta illi taċċetta illi tħallas ħames mitt ewro (€500) fix-xahar ad infinitum. Dan kemm għaliex ma kienx jagħmel sens kummerċjali illi soċjetà tidħol għal dan l-obbligu sempliċement a bażi tal-fatt illi ajruplan ikun reġistrat fuq l-AOC tagħha, mingħajr garanzija illi ser tiggwadanja xi forma ta' profitt għal tali reġistrazzjoni, u kif ukoll għaliex, hekk kif jispjega* ***Eric Weisskopf****, illi huwa estraneu għall-vertenza bejn il-partijiet, in kontroeżami*[9]*, filwaqt illi referral fee hija "industry practice", "the typical practice is let's say the portion of the management fee or a portion of the revenue paid out". Dan ifisser illi, fil-prattika, referral fee f'ċirkostanzi bħall-każ in eżami, hija one-time payment, ġeneralment kalkolat fuq il-management fee. Infatti jgħid illi, "you do not know at the beginning what the amounts will be, so it is very difficult to forecast a mechanic report at the beginning on how to pay, find the fees.";*

[9] *A fol* 711 tal-proċess

*44. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi anke jekk HeliPortugal hija kumpanija sussidjarja ta' United Jet Services, effettivament kien ir-rikorrent illi introduċa lis-soċjetà konvenuta ma' HeliPortugal, u ma hux kontestat illi kien per konsegwenza ta' din l-introduzzjoni illi nibtet relazzjoni kummerċjali bejn is-soċjetà konvenuta u United Jet Services wara illi sfaxxa fix-xejn il-business venture Rescue Wings Malta.* ***Ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma illi hija dovuta lir-rikorrenti referral fee,*** *anke jekk effettivament ir-raġuni illi għaliha saret l-introduzzjoni mis-soċjetà rikorrenti tas-soċjetà konvenuta u Lee / HeliPortugal baqgħet ma mmaterjalizzatx;*

*45 .Ciononostante,* ***din il-Qorti ma tqisx illi hija dovuta referral fee fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) fix-xahar għal kull xahar illi fih l-ajruplan mertu tal-kawża jibqa' reġistrat fuq l-AOC tas-soċjetà konvenuta****. Li kieku kellu wieħed iqabbel, b'analoġija, is-sitwazzjoni mertu tal-kawża odjerna ma' dik tal-bejgħ jew kiri ta' proprjetà, tista' tkun dovuta lis-sensar illi jlaqqa' kompratur ma' venditur referral fee (kif distinta minn commission) ta' darba, ġeneralment kalkolata bħala persentaġġ żgħir fuq il-valur tal-proprjetà.* ***Din il-Qorti tqis għalhekk illi, b'mod simili, ikun ukoll idoneu illi r-rikorrenti jitħallsu referral fee f'pagament ta' darba,*** *bħala kumpens għall-fatt illi kien bis-saħħa tar-rikorrenti illi s-soċjetà konvenuta ġiet introdotta mas-soċjetà United Jet Services;*

*46. Ikkunsidrat il-fatt illi jidher illi l-figura ta' ħames mitt ewro (€500) hija l-figura illi ssemmiet waqt il-laqgħat inizjali bejn ir-rikorrenti, is-soċjetà konvenuta u t-terzi illi kellhom jinkorporaw ruħhom bħala Rescue Wings Malta, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-referral fee illi għandha tkun dovuta lis-soċjetà rikorrenti hija fl-ammont kumplessiv ta'* ***ħames mitt ewro (€500)****. Il-Qorti tqis illi dan l-ammont huwa wieħed ġust, ikkunsidrat illi: (a) ma nġabet l-ebda prova illi effettivament tikkonferma illi l-ħlas ta' ħames mitt ewro (€500) kellu jkun dovut mensilment u mhux pagament wieħed ta' darba; u (b) illi n-negozju bejn is-soċjetà konvenuta u Rescue Wings Malta baqa' ma mmaterjalizzax;*

*47. F'dawk illi huma mgħaxijiet dovuti fuq dan l-ammont, il-Qorti tagħraf illi l-***Artikolu 1141(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** *jistabbilixxi illi mgħaxijiet għal obbligazzjoni ta' xorta kummerċjali għandhom jibdew jiddekorru minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita; madanakollu, fil-każ odjern, ma kienx hemm data partikolari illi fih l-ammont dovut kellu jitħallas. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tordna illi l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali bin-numru 1138/2018 lis-soċjetà konvenuta[10], ċjoè mill-erbatax (14) ta' Ġunju 2018, sad-data tal-effettiv pagament.»*

[10] *Vide* Dok B anness mar-rikors promotur, *a fol 12 et seq* tal-proċess

11. L-atturi ressqu appell mis-sentenza b'rikors tal-10 ta' Novembru, 2023 u dan peress li ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li l-kumpanija konvenuta ġiet dikjarata debitriċi tagħhom fis-somma ta' €500, meta huma kienu qegħdin jippretendu li s-somma dovuta lilhom kienet dik ta' €22,000.

12. Il-kumpanija konvenuta wieġbet permezz ta' risposta tal-appell tas-27 ta' Diċembru, 2023 u tgħid għala l-appell għandu jiġu miċħuda minn din il-Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

13. Wara li din il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Fl-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jisħqu li l-kwistjoni ta' kredibbiltà hija waħda materjali fil-proċeduri tal-lum, peress li l-allegazzjonijiet tal-partijiet f'din il-kawża huma dijametrikament opposti – sitwazzjoni din li hija riżultat tal-fatt li l-ftehim bejn il-partijiet ma kienx wieħed bil-miktub u li l-kumpanija konvenuta appellata qiegħda tinqeda b'dan il-fatt sabiex tipprova taħrab mill-obbligi li hija aċċettat li tintrabat bihom.

15. Filwaqt li l-appellanti jistqarru li huwa minnu li l-Ewwel Qorti tkun f'pożizzjoni aħjar minn din il-Qorti li tevalwa l-provi fid-dawl tal-aġir tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda, mandakollu huma jagħmlu referenza wkoll għall-prinċipji li jinstiltu mill-ġurisprudenza li għandhom jiggwidaw lill-Qrati fejn ikun hemm kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet f'kawża. Jisħqu li l-fatt li l-istess kumpanija konvenuta ressqet tliet difiżi differenti, fosthom: (i) li bejn il-partijiet ma kien intlaħaq l-ebda ftehim; (ii) li l-ftehim kien għall-ħlas ta' somma waħda; u (iii) li l-ftehim għall-ħlas kien jiddependi fuq kundizzjoni riżoluttiva, kellha tixħet dell negattiv fuq il-kredibbiltà tar-rappreżentanti tal-kumpanija konvenuta.

16. L-atturi appellanti jagħmlu referenza għal tliet konsiderazzjonijiet sabiex isejsu l-aggravju tagħhom:

(a) li r-*referral fee* kienet marbuta mal-fatt li l-inġenju tal-ajru inkwistjoni, proprjetà ta' terz kien ser ikun inkluż fl-*operations specifications* tal-kumpanija konvenuta u dan kif irriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tad-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili. Dan jagħmilha immaterjali jekk in-negozju bejn il-kumpanija konvenuta u Andrew Lee jew Rescue Wings sfaxxa fix-xejn, ġaladarba l-inġenju tal-ajru kien u baqa' proprjetà tal-kumpanija United Jet Services u l-kumpanija konvenuta għażlet li tibqa' żżomm l-istess inġenju tal-ajru f'isimha bħala operatur. L-appellanti jfakkru li l-

kumpanija konvenuta kienet *management company* li kienet qiegħda toħroġ fattura kull xahar għal *management fee* fir-rigward tal-inġenju tal-ajru u li ma kinitx tieħu sehem fil-qligħ jew telf li jagħmel is-sid tal-inġenju tal-ajru. Għalhekk l-appellanti jsostnu li min kien is-sid, għal min kien qiegħed jiġi operat u jekk l-operat tiegħu kienx bħala ambulanza jew le, huma għalhekk kollha fatti immaterjali.

(b) Mill-provi rriżulta wkoll li l-ħlas tar-*referral fee* kalkolata bħala porzjon tal-*management fee* hija prassi fl-industrija. L-appellanti jilmentaw li minkejja li l-Ewwel Qorti ħadnet ix-xhieda ta' Eric Weisskopf, li fisser kif din tkun parti mill-*management fee* jew parti mid-dħul imħallas, ma laqgħetx it-talbiet tagħhom. Jisħqu li l-*management fee* ma titħallasx darba biss, iżda titħallas ta' kull xahar u dan kif jixhdu l-fatturi esibiti mill-kumpanija konvenuta nnifisha. Il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar jekk dan il-ftehim jagħmilx sens kummerċjali hija waħda immaterjali. Dan jingħad peress li l-kumpanija konvenuta setgħet għażlet li ma tieħux fi ħdanha l-istess inġenju tal-ajru u daħlet għall-ftehim minn rajha. Fit-tieni lok, jingħad li l-garanzija tal-profitt mhux biss hija konsiderazzjoni immaterjali għall-ftehim milħuq, iżda l-ħlas ta' *management fee* hija intiża għal numru ta' servizzi mogħtija, li ma jinkludux l-operat u r-riskji marbuta mal-istess operat, li jista'

jwassal għal telf. Barra minn hekk, kunsidrat li l-kumpanija konvenuta kienet taf bl-aspettattivi tal-atturi, setgħet faċilment iżżid il-*management fee* ta' kull xahar b'dik is-somma li hija ntrabtet li tħallas lill-appellanti.

(c) It-tixbih magħmul mill-Ewwel Qorti bejn is-suq aeronawtiku u dak tal-proprjetà ma jreġix, peress li dawn is-setturi mhumiex paragunabbli. Filwaqt li fil-qasam tas-senserija din tkun dovuta ta' darba u titħallas darba, mhux l-istess jgħodd fil-qasam tal-avjazzjoni. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti għall-ewwel straħet fuq ix-xhieda ta' Eric Weisskopf, iżda mbagħad fl-istess waqt warrbitha. Jisħqu li l-Ewwel Qorti kellha tqis il-ftehim partikolari milħuq bejn il-partijiet fil-kawża u li fin-nuqqas ta' ftehim bil-miktub, ta' dak li jirriżulta li x'aktarx kien il-ftehim, wara evalwazzjoni bir-reqqa tal-provi, meqjus ukoll dik li hija l-prassi fil-qasam partikulari, mertu tal-proċeduri.

17. It-tieni aggravju tal-atturi appellant huwa dak marbut mal-kap tal-ispejjeż u li jekk kemm-il darba din il-Qorti kellha tilqa' l-ewwel aggravju, ikun xieraq li din il-Qorti tapplika wkoll il-prinċipju ġenerali li jirriżulta mill-**Artikolu 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

18. Jibda billi jingħad li, sa fejn jingħad mill-partijiet li din il-Qorti, bħala waħda ta' reviżjoni ma tiddisturbax daqstant malajr l-apprezzament tal-

provi magħmul mill-Ewwel Qorti, li tkun semgħet il-provi u jkollha ċ-ċans li tevalwa l-aġir tax-xhud fuq il-pedana, tajjeb li jiġi mfakkar, li din il-Qorti ilha li warrbet il-pożizzjoni iebsa meħuda f'bosta deċiżjonijiet u l-ġurisprudenza ta' dawn l-aħħar snin ta' din il-Qorti. Dan jingħad fis-sens li, din il-Qorti tgawdi minn awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa li tinterpreta l-fatti mod ieħor, minn kif tkun fehmithom il-Qorti tal-Ewwel grad (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tas-16 ta' Jannar, 2025, fil-kawża fl-ismijiet ***Wood System SRLS v. Alexander Cutajar et*** u dik tad-29 ta' Marzu, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Curmi v. Saviour sive Sammy Spiteri et***, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija).

19. Sa fejn imbagħad jingħad mill-appellanti li ngħataw verżjonijiet kontrastanti mill-partijiet fil-kawża dwar il-pretensjonijiet tal-atturi għall-ħlas ta' *referral fee*, tajjeb li hawn ukoll issir referenza għal numru ta' prinċipji fir-rigward. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Lulju, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***Madelaine Bezzina v. Emanuel Bezzina et*** fil-kamp ċivili, jaqa' fuq il-parti attriċi li tipprova tajjeb biżżejjed u fil-grad li titlob il-liġi, jiġifieri fuq bażi ta' probabbiltà u mhux li l-kredibbiltà hija waħda assoluta (**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

20. Il-grad tal-prova f'materja ċivili tfisser minn din il-Qorti bħala dak li jkun biżżejjed biex b'konvinċiment morali tista' tgħid illi dak allegat, x'aktarx iva milli le, seħħ. Il-grad ta' prova dejjem jibqa' dak meħtieġ biex il-ġudikant jista' b'serenità jasal għall-konvinċiment morali li l-ħaġa x'aktarx seħħet. Xi jkunu dawk il-provi jiddependi mbagħad fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju, 2021 fl-ismijiet ***Alexander Caruana v. Atlas Insurance PCC Ltd***).

21. Barra minn hekk, teżisti regola ta' applikazzjoni proċedurali oħra li trid li fejn f'każ joħorġu żewġ verżjonijiet li jmorru għalkollox 'il waħda kontra l-oħra, il-Qorti għandha tagħżel li tqis dik il-verżjoni tal-parti mħarrka, u dan fuq il-bażi tal-istess **Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u tar-regola ta' *in dubio pro reo.* Iżda huwa daqstant ieħor aċċettat li mhux kull kunflitt jew kontradizzjoni fil-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża għandu jwassal lil min irid jagħti ġudizzju biex jieqaf milli jista' jiddeċiedi b'kuxjenza kwieta bla ma jkollu jdur għall-imsemmija regola.

22. Meta wieħed iqis dawn il-prinċipji fil-qafas tal-każ taħt eżami, huwa fatt aċċettat li l-partijiet fil-kawża ma kellhomx ftehim bil-miktub bejniethom li jirrifletti l-pretensjonijiet tal-atturi għall-ħlas ta' *referral fees.* Madankollu, din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti, li dan il-fatt fih innifsu, ma jfissirx li ma kien hemm l-ebda ftehim u għalhekk

isiru mill-aktar relevanti l-provi mressqa f'dan il-każ mill-atturi, sabiex isostnu l-pretensjonijiet tagħhom, fin-nuqqas ta' ftehim bil-miktub li fih ikun hemm imfisser dak li l-partijiet ftiehmu dwaru. Tabilħaqq il-prova tal-eżistenza ta' ftehim simili tista' ssir b'mezzi oħra u l-prova ta' dan l-ftehim trid issir minn min jallega l-eżistenza tiegħu.

23. Meta nduru għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, filwaqt li l-atturi appellanti jistrieħu prinċipalment fuq ix-xhieda mogħtija mill-attur avukat Dr Marco Ciliberti u l-*email* tas-6 ta' Novembru, 2017, mibgħuta minn Robert Foster[11], il-kumpanija konvenuta appellata ssostni li għalkemm kienet issemmiet din ir-*referral fee* fil-laqgħa ta' introduzzjoni, il-fatt li ssemmiet ma jfissirx li kien hemm ftehim milħuq dwarha. Din tal-aħħar tisħaq li lanqas saret diskussjoni dwar jekk din ir-*referral fee* kellhiex tkun bħala ħlas ta' darba jew ta' kull xahar, kif qegħdin jippretendu l-atturi appellanti fil-proċeduri taħt eżami.

24. Għandu jingħad li din il-Qorti hija konvinta li kien sar diskors dwar ħlas ta' *referral fee,* kif wara kollox taċċetta l-istess kumpanija konvenuta. Il-kwistjoni kollha hija jekk intlaħaqx ftehim bejn il-partijiet dwar il-ħlas tal-imsemmija *referral fee* u jekk l-ammont kellux ikun ħlas ta' darba jew ħlas ta' darba fix-xahar. Min-naħa, l-attur jixhed li d-diskors bejn il-partijiet kien fis-sens li din il-miżata kellha tiżdied mal-*management fee* li kellha

[11] Esibita bħala Dok. A f'paġna 9 tal-proċess.

titħallas lill-kumpanija konvenuta, jgħid ukoll li huwa kien talab il-ħlas ta' €500 għal kull xahar li l-inġenju tal-ajru jdum reġistrat Malta, f'isem il-kumpanija konvenuta bħala operatur[12].

25. Fuq ix-xaqliba l-oħra, Teresa Haigh, direttur fi ħdan il-kumpanija konvenuta xehdet li għalkemm issemmiet din ir-*referral fee* mill-attur, ma kien hemm l-ebda ftehim u ssemmiet biss bħala prinċipju li jkun hemm ħlas ta' darba ta' din ir-*referral fee*, f'każ li jiġi fis-seħħ in-negozju li kellu jsir ma' Rescue Wings Malta u li l-kumpanija konvenuta titħallas dak li kien dovut lilha[13]. Hekk ukoll, mix-xhieda ta' Robert Foster irriżulta li din ir-*referral fee* kienet issemmiet u li kien hemm qbil, bħala prinċipju, li din titħallas f'każ li jseħħ in-negozju u jkun hemm profitt[14].

26. Huwa minnu li minn qari tax-xhieda ta' Andrew Lee, (illi flimkien mal-kumpanija Portugiża HeliPortugal, xtaq illi jirreġistra kumpanija bl-isem Rescue Wings Malta sabiex flimkien joperaw *air ambulance* li kellha tiġi reġistratata fuq l-AOC (*Air Operators Certificate*) tal-kumpanija konvenuta) jirriżulta li jingħad minnu li ma sarux diskussjonijiet quddiemu dwar ħlas ta' *referral fees*. Madankollu, Eric Weisskopf ikkonferma li bħala waħda mill-kumpaniji li ġiet avviċinata mill-atturi, il-kumpanija Hyperion kienet lesta li tħallas *referral fee*[15] f'każ li Lee kien jaċċetta li jdaħħal l-

[12] Ara xhieda f'paġna 150 tal-proċess.
[13] Ara xhieda f'paġni 668 u 669 tal-proċess.
[14] Ara xhieda f'paġna 703 tal-proċess.
[15] Ara Dok. EW1 f'paġna 636 tal-proċess.

ajruplan fl-operat tal-kumpanija tagħhom. Iżda ma jingħadx minnu jekk din kinitx tkun ta' darba jew bħala ħlas li jsir ta' kull xahar. Kif ukoll, taħt kontroeżami Weisskopf[16], fisser li tabilħaqq il-ħlas ta' din ir-*referral fee* kienet marbuta mal-fatt li jkun hemm ftehim jew negozju konkluż, anzi: *«it is probably less the agreement as a contract, it is more the revenue as a result.»*

27. Dan kollu, flimkien, mal-korrispondenza maħruġa minn Foster fejn jaċċetta li jħallas ir-*referral fee,* hekk kif il-kumpanija konvenuta titħallas[17], tabilħaqq iwassal lil din il-Qorti għall-istess fehma bħal dik tal-Ewwel Qorti li l-partijiet kellhom ftehim dwar il-ħlas ta' *referral fee*. Din il-Qorti ma tarax kif il-kumpanija konvenuta appellata fir-risposta tal-appell tista' tibqa' ssostni l-argument li ma kien hemm l-ebda ftehim dwar ħlas ta' *referral fee*. Wara kollox, ma tressaq l-ebda appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, sa fejn laqgħet it-talbiet tal-atturi billi ddikjarat li l-kumpanija konvenuta hija debitriċi tal-atturi fis-somma ta' €500, dovuti bħala *referral fee* u kkundannat lill-kumpanija konvenuta tħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' €500. Għalhekk, il-kwistjoni li tibqa' suġġett tal-appell hija jekk din kellhiex tkun ta' darba, jew bħala ħlas li kellu jsir ta' kull xahar, kif isostnu l-appellanti fl-appell tagħhom.

[16] Ara xhieda f'paġni 711 u 712 tal-proċess.
[17] Ara Dok. A f'paġna 9 tal-proċess.

28. Sa fejn l-atturi appellanti jilmentaw li l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta huma xi ftit kunfliġġenti u li allura kellhom jixħtu dell fuq il-kredibbiltà tal-kumpanija konvenuta, tajjeb li jiġi mfakkar illi huwa minnu li, għalkemm il-konvenut f'kawża huwa ħieles li jressaq eċċezzjonijiet alternattivi bla limitu għad-difiża tiegħu, ma jistax iressaq eċċezzjonijiet imsejsa fuq fatti, ikkonfermati bil-ġurament tiegħu, u li jkunu manifestament kontradittorji. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' April, 2004, fil-kawża fl-ismijiet ***Gabriel Parnis et v. Joseph Cucciardi et***:

> *«…għalkemm huwa minnu li fi proċeduri bil-miktub f'materja ta' eċċezzjonijiet teżisti l-possibbiltà li l-eċċipjent jissolleva eċċezzjonijiet alternattivi, kif ukoll li jagħmel dan "bla preġudizzju", b'danakollu xorta waħda jibqa' dmir tal-parti eċċipjenti li tara li f'dak li hija tkun qiegħda tasserixxi bil-ġurament per via ta' eċċezzjoni ma jkunx hemm ħwejjeġ li huma manifestament konfliġġjenti. Għalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att taċ-ċitazzjoni, kif ukoll l-eċċezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'ċerta teknika u ħila, dan ma jfissirx li parti f'kawża għandha titħalla tbiddel impenement att proċedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, agħar u agħar, fi strataġemma intiża biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-oħra. Fi kliem aktar sempliċi, kull parti għandha <u>d-dmir li tkun veritjera u lejali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-ġustizzja.»</u>*

29. Madankollu, f'kull każ, dan in-nuqqas ta' kif setgħu ġew imfassla l-eċċezzjonijiet mill-kumpanija konvenuta ma jeħlisx lill-atturi mill-obbligu li jippruvaw il-każ imressaq minnhom kif meħtieġ. Wara kollox, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta appellata sa fejn ma kenux kompatibbli ma' dak deċiż minnha.

30. Dan iwassal sabiex jitqiesu dawk ir-raġunijiet li jingħad li jsostnu l-aggravji tal-atturi appellanti. Din il-Qorti, bħal ta' qabilha, issibha diffiċli taċċetta bħala minnu li l-fatt innifsu u waħdu li l-ajruplan proprjetà ta' terz ikun inkluż fl-AOC tal-kumpanija konvenuta, kellu jkun il-bażi tal-ħlas tal-miżata, kif qegħdin jippretendu l-atturi appellanti fl-ewwel punt imqanqal minnhom. Fil-fatt taħt kontroeżami Weisskopf meta mistoqsi mill-avukat:

> «*am I always correct in saying however that the payment of this referral fee would have been conditional on an agreement actually being signed with Mr. Andrew Lee and his partner for the management of the aircraft?*
>
> *Xhud:* ***An agreement or business yes correct****.»*

31. Kif ikompli jfisser Weisskopf, għalkemm jiddeskrivi l-ħlas ta' *referral fee* bħala prattika normali fl-industrija tal-avjazzjoni, *«it is probably less the agreement as a contract, <u>it is more the revenue as a result</u>».* Dan ma jistax ħlief ifisser li din ir-*referral fee* hija bbażata fuq il-premessa li konsegwenza ta' dan l-intervent magħmul mill-atturi, il-kumpanija konvenuta kien ser ikollha xi forma ta' negozju jew dħul.

32. Dan iwassal għat-tieni punt, dak fejn jingħad li l-ħlas ta' *referral fee* tkun kalkolata bħala parti mill-*management fee.* Għalkemm huwa minnu li Weisskopf xehed li din hija waħda mill-prattiċi li jintużaw fis-settur, jingħad minnu: *«the typical practice is let's say* ***<u>the portion of the management fee or a portion of the revenue paid out …</u>****you do not know at the beginning what the amounts will be, so* ***<u>it is very difficult to</u>***

***<u>forecast a mechanic report at the beginning on how to pay, find the fees.»</u>***

33. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma jistax ħlief ifisser li fl-istadju li sseħħ l-introduzzjoni mill-atturi bejn min jixtieq idaħħal ajruplan fuq ir-reġistru tal-Avjazzjoni Ċivili tal-pajjiż, sakemm fil-fatt l-ajruplan jiġi reġistrat u konsegwentement jidħol fis-seħħ xi tip ta' *management agreement* bejn il-kumpanija li fuqha jkollha l-AOC u sid l-ajruplan, jista' jgħaddi ċertu żmien, fejn in-negozju jkun b'hekk għadu qiegħed jiġi mfassal. Tant hu hekk, li fil-każ tal-lum, in-negozju li oriġinarjament kien maħsub li kellu jsir bejn il-kumpanija konvenuta u Andrew Lee, illi flimkien mal-kumpanija Portugiża HeliPortugal, xtaqu jirreġistraw kumpanija bl-isem Rescue Wings Malta sabiex joperaw l-ajruplan bħala *air ambulance* qatt ma ġie fis-seħħ.

34. Madankollu, dan ma jfissirx li n-negozju kollu marbut mal-istess ajruplan sfaxxa fix-xejn, peress li kif jirriżulta mill-provi fl-atti, sar ftehim fuq l-ajruplan inkwistjoni, bejn United Jet Services (li tagħha HeliPortugal kienet kumpanija sussidjarja) bħala sid l-ajruplan u l-kumpanija konvenuta[18]. Jitqies relevanti l-fatt li dan il-ftehim ġie ffirmat fl-1 ta' Novembru, 2017. L-ewwel sejħa li saret mill-atturi għall-ħlas tar-*referral fee* kienet permezz tal-korrispondenza tas-6 ta' Novembru, 2017 (u mhux

[18] Ara *Aircraft Operating Agreeme*nt esebit bħala Dok. DF1 f'paġni 105 sa 113 tal-proċess.

f'Awwissu 2017, meta l-ajruplan ġie reġistrat fuq l-AOC tal-kumpanija konvenuta). Dan kollu jkompli jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li l-ħlas tar-*referral fee* ma kienx marbut mas-sempliċi reġistrazzjoni tal-ajruplan, iżda mal-fatt li din ir-reġistrazzjoni twassal għal negozju konkret kristallizzat permezz ta' ftehim.

35. Minn qari ta' dan il-ftehim, imsejjaħ Aircraft Operating Agreement, b'mod partikolari t-tifsira li tingħata lil diversi ħlasijiet li huma dovuti, jiġifieri l-AOC *addition fee, Operating Fee* u *Maintenance Oversight Fee* ma jirriżultax li din ir-*referral fee* hija b'xi mod inkluża. Anzi taħt it-tifsira li tingħata lill-AOC *addition fee,* hemm indikat li teskludi fost affarijiet oħra *Lawyers' costs*. Madankollu, ma jistax jingħad li l-kumpanija konvenuta ma gawditx mill-introduzzjoni li għamlu l-atturi, hekk kif dan wassal għal negozju kif jixed l-istess ftehim, li wassal ukoll għal numru ta' ħlasijiet imwettqa minn United Jet Services, kif jixhdu d-dokumenti esibiti mill-istess kumpanija konvenuta[19].

36. F'dan is-sens, din il-Qorti ma taqbilx mal-kumpanija konvenuta appellata meta tisħaq li r-*referral fee* kellha titħallas biss f'każ li hija tagħmel profitt. L-iskop tal-introduzzjoni li saret mill-atturi appellanti, kienet li jsir in-negozju. Il-kwistjoni jekk dak in-negozju jwassalx għall-qligħ jew telf, hija kwistjoni oħra, li l-atturi appellanti ma kellhom l-ebda

[19] Ara Dok. DF 7 esibit bħala fajl f'paġna 136 tal-proċess.

kontroll fuqha. F'dan is-sens għandhom raġun l-atturi appellanti, tal-inqas f'parti minnu, meta jingħad minnhom li l-kwistjonijiet min kien is-sid tal-ajruplan, l-użu li kien isir minnu u jekk il-kumpanija konvenuta tagħmilx qligħ jew le min-negozju huma kollha fatti immaterjali għaliha. Għalhekk, din il-Qorti tasal li taqbel li dan in-negozju li għamlet il-kumpanija konvenuta, kellu żgur iwassal għall-ħlas ta' darba tar-*referral fee.*

37. Iżda b'daqshekk, din il-Qorti mhix konvinta li fil-fatt kien hemm ftehim bejn il-partijiet li dan il-ħlas kellu jsir ta' kull xahar. Din il-Qorti mhix konvinta mill-pretensjonijiet attriċi li kellha titħallas miżata ta' kull xahar għar-raġuni li mill-istess dokument li fuqu jistrieħu l-atturi[20] sabiex isostnu l-każ tagħhom, meta l-attur talab il-ħlas lir-rappreżentant tal-kumpanija konvenuta huwa qal: «*A kind reminder regarding* <u>*the referral fee*</u> *for 9H-RWM.»* Ma nkitibx *referral fees.* Ma ntużax il-plural. L-istess meta wieġeb Foster: «*I will pay the referral fee».* Dan jista' jixħet dawl fuq dik li kienet l-intenzjoni tal-partijiet fil-ftehim milħuq.

38. Dan lil hemm mill-fatt li, jekk kemm-il darba l-atturi kienu qegħdin jippretendu ħlas ta' miżata fix-xahar bħala *referral fees*, għalkemm ftehim bħal dak, il-liġi ma teħtiġx li jsir bil-miktub, tabilħaqq kien ikun aktar għaqli, li f'dak il-każ, ikun hemm ftehim bil-miktub li jorbot lill-partijiet, ġaladarba l-ammont ma kienx sempliċi ħlas ta' darba, iżda ħlas ta' kull xahar -

[20] Jiġifieri Dok. A f'paġna 9 tal-proċess.

pretensjoni li tista' twassal għall-ħlas ta' ammonti sostanzjali, u dan sabiex jitwarrab kull diżgwid li jista' jinqala' fil-futur. Dan jgħodd aktar fejn il-prattika fis-settur mhix, biex ngħidu hekk, waħda stabbilita, hekk kif il-provi juru li l-ftehim seta' kien wieħed bażat fuq ħlas ta' *management fee* jew ibbażat fuq id-dħul li tagħmel il-kumpanija konvenuta.

39. Għalhekk il-fatt li l-*management fee* jew *operating fee* li kellha titħallas ta' kull xahar lill-kumpanija konvenuta skont il-ftehim li kellha ma' sid l-ajruplan, ma tista' tkun ta' ebda fejda għall-argument tal-atturi appellanti, peress li din ma tistax titqies bħala prova ċara tal-pretensjonijiet tal-atturi appellanti li kellhom fis-seħħ ftehim li jitħallsu mill-kumpanija konvenuta *referral fee* għal kull xahar li l-ajruplan jibqa' fuq l-AOC tagħha. Ma tirriżultax prova li sserraħ moħħ din il-Qorti li fil-fatt kien intlaħaq dan it-tip ta' ftehim bejn il-partijiet f'din il-kawża.

40. Jonqos l-aħħar punt imqanqal mill-atturi appellanti. Jista' jkun li t-tixbiha magħmula mill-Ewwel Qorti bejn dak li jseħħ fil-qasam tal-avjazzjoni u dak li jseħħ fil-qasam tal-proprjetà mhumiex paragunabbli. Madankollu, fid-dawl tal-verżjonijiet kunfliġġenti mogħtija mill-partijiet fil-kawża, l-Ewwel Qorti kellha tqis liema miż-żewġ verżjonijiet tal-fatti hija l-aktar waħda verosimili, gwidata dejjem mill-prinċipju, li l-grad ta' prova meħtieġ fil-kamp ċivili huwa dak tal-bilanċ ta' probabbilitajiet u preponderanza tal-provi.

41. Għalkemm jiksbu relevanza l-kriterji ta' kredibbiltà u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet, jekk għall-grazzja tal-argument, iż-żewġ verżjonijiet jitqiesu possibbli, huwa prinċipju stabbilit ukoll li f'dak il-każ jibqa' dejjem obbligu tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Dan kif rajna qabel, jispiċċa jkun ta' benefiċċju għall-parti konvenuta, fuq il-bażi tar-regola *in dubio pro reo,* f'dan il-każ il-kumpanija appellata.

42. Kien obbligu tal-atturi appellanti li jagħmlu ċert li jressqu prova li tikkonvinċi lill-Qorti minn dak li kien qiegħed jingħad minnhom. Dan setgħu għamluh billi jressqu prova ta' kuntratti simili li seta' kellhom l-atturi fejn proprju kienu jdaħħlu qligħ fix-xahar magħmul minn *referral fees,* kontijiet jew fatturi maħruġa minnhom li jsostnu t-teżi tagħhom. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ix-xhieda ta' Weisskopf qajla jista' jingħad li hija ta' għajnuna għall-atturi. Għalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-eżerċizzju tal-evalwazzjoni tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti, qabel ma waslet għall-konklużjoni tagħha.

43. Ġaladarba din il-Qorti ma tqisx xieraq li tilqa' l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti, ma hemmx għalfejn tqis it-talba tal-istess appellanti taħt it-tieni aggravju tagħhom li tinbidel b'xi mod id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż tal-appell jinġarru mill-istess atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss